MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 80/2006/1

**Catherine Mifsud**

**v.**

**Louis Mifsud**

Rat ir-rikors guramentat ta' l-attrici Catherine Mifsud,ipprezentat fis-6 ta' Marzu 2006 li permezz taghha ppremettiet:

"1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' Novembru 1984;

“2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom tlett itfal, Valerie li twieldet fit-18 ta’ Mejju 1987, Loraine li twieldet fit-18 ta’ Frar 1991 u Renèe li twieldet fid-19 ta’ Frar 1992 u ghalhekk tnejn minnhom ghadhom minuri;

“3. Illi l-attur [recte: il-konvenut] irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta’ eccessi, sevizzi u ngurji gravi b’mod li rrenda l-hajja konjugali ta’ bejniethom impossibbli, u peress illi l-hajja matrimonjali bejn l-attrici u l-konvenut tkissret irrimedjabbilment;

“4. Illi minkejja diversi tentattivi ghal soluzzjoni bonarja bejn il-kontendenti, din is-soluzzjoni bonarja qatt ma sehhet;

“5. Illi l-medjazzjoni ma ta l-ebda frott;

“6. Illi kien minhabba f’hekk illi l-attrici kellha taghmel dawn il-proceduri;

“7. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata skont Digriet mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali, kopja ta’ liema tinsab esebita bhala Dok A;

“8. Illi l-attrici taf b’dawn il-fatti personalment;

“Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti konjugi Mifsud ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenut ta’ sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi kontra l-istanti kif fuq premess, u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda;

“2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Loraine u Renèe f’idejn l-attrici bi dritt ta’ access favur il-konvenut;

“3. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici rata ta’ manteniment ghar-rigward tat-tfal minuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa u kif ukoll johrog nofs il-flus ghal dak li jirrigwarda spejjez medici u dawk konnessi ma’ l-edukazzjoni tal-imsemmijin ulied minuri;

“4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess proprjeta` u assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala data meta l-konvenut jigi kkunsidrat li jkun hati tal-firda b’tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila ta’ l-attrici skont il-ligi u billi l-konvenut jigi ddikjarat unikament u esklussivament responsabbli ghad-dejn u obbligazzjonijiet minnu assunti in mala fede, u billi l-attrici tigi akkreditata b’ sehemha spettanti mir-rikavati ta’ beni appartenenti lill-komunjoni gja mibjugha f’kaz li l-konvenut ma jaghtix rendikont sodisfacenti ta’ tali rikavat, u kif ukoll b’dawk l-ispejjez li hija ghamlet fil-proprjeta’ komuni jew dik appartenenti lill-konvenut, u dan okkorrendo b’ opera ta’ perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni.

“5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

“6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali Numru 38, “Pandora”, Cali Street, Mosta flimkien mat-tliet ulied frott iz-zwieg bejn il-kontendenti u dan ad eskluzjoni tal-konvenut;

“7. Tordna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss minn dina l-Qorti l-oggetti kollha dotali u parafernali ta’ l-istess attrici u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom hekk kif jigu likwidati okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi;

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra lir-Registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-5 ta’ Dicembru 2005 u imghaxijiet kontra l-konvenut, li minn issa hawn ingunt in subizzjoni.”

Rat ir-risposta tal-konvenut Louis Mifsud pprezentata fit-28 ta’ Marzu 2006 li permezz taghha ecepixxa:

“1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici, l-eccipjent jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Mifsud, minhabba ragunijiet pero` imputabbli unikament lill-istess attrici li rrendiet ruha hatja fil-konfront tal-esponent ta’ sevizzji, eccessi, theddid, offizi u ingurji gravi, kif ukoll minhabba inkompatibilita` ta’ karattru u peress illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

“2. Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici dwar l-affidament tal-kura u l-kustodja tal-imsemmija ulied minuri, l-esponent ma jaqbilx li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata lill-attrici esklussivament, izda l-kura u kustodja ghandha tkun wahda kongunta;

“3. Illi dwar it-tielet talba attrici l-esponent jaqbel illi huwa ghandu jikkontribwixxi ghall-ulied minuri skont il-mezzi tieghu, pero` jirrileva fir-rigward li hu ghandu tmienja u hamsin (58) sena u minn kemm ilhom separate *de facto* l-attrici keccietu ingustament mill-ispizerija li l-konjugi kienu ilhom jiggestixxu flimkien ghal snin twal u li kienet l-uniku sors ta’ ghixien tieghu. Ghalhekk illum l-esponent hu dizokkupat, kuntrarjament ghall-attrici li ghandha introjtu qawwi, u difatti qieghed kontestwalment jipprezenta kontro-talba fejn qed jitlob li in vista ta’ dak appena premess l-attrici tmantni lill-minuri u kif ukoll tibda tivversa retta alimentarja ghall-bzonnijiet tal-istess esponent;

“4. Illi fir-rigward tar-raba’ talba attrici, l-eccipjent jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi dikjarata xjolta u li din tigi likwidata, f’zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali bejn il-kontendenti stante` t-tortijiet imputabbli lill-attrici;

“5. Illi dwar il-hames talba attrici, ma tezisti l-ebda raguni ghala s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu applikati kontra l-esponent, liema sanzjonijiet pero` ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-attrici;

“6. Illi fir-rigward tas-sitt talba attrici, l-esponent jopponi ghal din it-talba billi l-fond numru 38, ‘Pandora’, Cali Street, Mosta hu proprjeta` parafernali tieghu kif jigi ppruvat waqt il-kawza, u anke in vista tal-htijiet tal-attrici;

“7. Illi l-eccipjent jaqbel mas-seba’ talba attrici purche` li l-attrici tirrestitwixxi wkoll il-beni u krediti parafernali u dotali tieghu.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut li permezz taghha ppremetta:

“1. Illi l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu mill-istanza attrici u jipproponi din it-talba rikonvenzjonali tieghu.

“2. Illi l-kontendenti zzewwgu f’Malta fis-16 ta’ Novembru 1984 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal u cioe` Valerie ta’ dsatax-il sena, Loraine ta’ hmistax-il sena u Renee ta’ erbatax-il sena.

“3. Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti konjugi Mifsud tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici ri-konvenuta li rrendiet ruhha hatja lejn l-esponent ta’ sevizzji, eccessi, theddid, offizi u ingurji gravi, kif ukoll minhabba inkompatibilta` ta’ karattru.

“4. Illi minkejja li l-esponent ghamel minn kollox biex isalva z-zwieg l-attrici ri-konvenuta ghar-ragunijiet taghha ma rieditx issalva dan iz-zwieg.

“Tghid ghalhekk l-attrici ri-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tippronunza s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Mifsud minhabba r-ragunijiet fuq premessi.

“2. Tordna illi l-kura u kustodja tal-ulied minuri tigi fdata lill-partijiet konguntivament fl-ahjar interess tal-istess minuri.

“3. Tikkundanna lill-attrici ri-konvenuta sabiex thallas lill-esponent ghalih u ghal uliedu minuri dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi b’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti.

“4. Tapplika in toto jew in parte kontra l-attrici ri-konvenuta l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b’mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet, u billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-attrici ri-konvenuta titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponent, u dana kollu okkorrendo bl-opera ta’ perit nominand, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-attrici ri-konvenuta fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

“6. Tawtorizza lill-esponent sabiex flimkien ma’ uliedu u ad eskluzjoni tal-attrici ri-konvenuta jabita fil-fond numru 38, ‘Pandora’, Cali Street, Mosta, liema fond ghandu jigi ddikjarat bhala proprjeta` parafernali tieghu, u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

“7. Tordna lill-attrici ri-konvenuta tirrestitwixxi lill-esponent il-beni u krediti parafernali u dotali tieghu.

“Bl-ispejjez kontra l-attrici ri-konvenuta li qieghda tigi ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici tas-17 ta' April 2006 ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn eccepiet:

"1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba tal-konvenut fir-rikonvenzjoni tieghu, l-eccipjenti taqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Mifsud, dan pero` minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut, hekk kif diga` mitlub fir-rikors guramentat tal-attrici, minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi kontra l-istanti u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment;

"2. Illi fir-rigward tat-tieni talba, l-eccipjenti ttenni illi l-kura u l-kustodja tat-tfal ghandha tigi fdata lilha bi dritt ta' access lill-konvenut;

"3. Illi fir-rigward tat-tielet talba, l-attrici ri-konvenuta ttenni illi din it-talba ghandha tigi michuda. Il-kura u l-kustodja tat-tfal ghandha tigi fdata lilha u ghalhekk ghandu jkun biss il-konvenut li jigi ordnat li jikkontribuwixxi ghall-manteniment taghhom filwaqt illi hija ma taqbilx li ghandha thallas rata ta' manteniment lill-konvenut minhabba li huwa ghandu sorsi ohra ta' dhul ta' flus, hekk kif ha jigi provat tul il-kawza;

"4. Illi dwar ir-raba' talba attrici fir-rikonvenzjoni, l-eccipjenti ma taqbilx li ghandhom jigu applikati kontriha l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda dawn ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut;

"5. Illi rigwardanti l-hames talba, l-attrici ri-konvenuta taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi dikjarata xjolta u li din tigi likwidata, f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali bejn il-kontendenti peress li r-ragunijiet tas-separazzjoni huma imputabbli unikament lill-konvenut;

"6. Illi s-sitt talba tal-konvenut ghandha tigi michuda stante li ghandha tkun l-attrici li tghix ma' uliedha fl-istess fond matrimonjali, liema fond ghalkemm akkwistat f'isem il-konvenut, gie finanzjat ukoll minn flus l-attrici ri-

konvenuta kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, sabiex tlesta l-istess fond;

“7. Illi dwar is-seba’ talba, l-attrici taqbel li ghandha trodd lura lill-konvenut il-krediti parafernali u dotali ieghu, ladarba huwa jaghmel l-istess fil-konfronti taghha, minghajr pregudizzju pero` ghal jedd taghha li tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali, kif hawn fuq spjegat;

“Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-26 ta’ Jannar 2012 li permezz tagha il-Qorti iddecidiet illi:

“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tat-tnejn;

“[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal illum huma kollha maggjorenni;

“[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tielet talba stante li t-tfal illum huma kollha maggjorenni;

“[4] tilqa’ ir-raba’ talba fis-sens li x-xolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenja kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

“[5] tichad il-hames talba, stante li mhux opportuna l-applikazzjoni ta’ l-artikoli hemm indikati;

“[6] tichad is-sitt talba;

“[7] tilqa’ s-seba’ talba fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

“Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens gja fuq deciz;

“[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;

“[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;

“[4] tichad ir-raba’ talba, stante li l-applikazzjoni ta’ l-artikoli hemm indikati mhux opportuna;

“[5] tilqa’ il-hames talba fis-sens gja fuq deciz;

“[6] tilqa’ is-sitt talba fit-termini taghha, u tordna li fi zmien xaharejn millum l-attrici tivvaka l-fond numru 38 ‘Pandora’ Cali Street, Mosta proprjeta’ parafernali tal-konvenut;

“[7] tilqa’ s-seba’ talba fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti.

“L-ispejjez kemm ta’ l-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet.”

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali bejniethom minhabba htija reciproka fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Iz-zewg partijiet cahdu dak imputat lilhom mill-parti l-ohra.

**“Separazzjoni Personali**

“Illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta’ Novembru 1984, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal li llum huma maggjorenni. Inizjalment l-konvenut kien impjegat mal-Malta Drydocks, filwaqt li l-attrici, spizjara, kienet tahdem fi spizerija li hi armat bl-ghajnuna tal-konvenut. Fis-sena 1987 il-konvenut telaq l-impieg tieghu, u bed jahdem full-time fl-ispizerija flimkien ma’ martu l-attrici.

"Sussegwentement beda t-tilwim bejn il-partijiet, stante li ma kienux jaraw minn ottika wahda dwar kif kellha titmexxa l-ispizerija. In sostanza l-konvenut kien imaqdar lill-attrici, filwaqt li din kienet temfasizza mieghu li kienet hi l-ispizjara u mhux hu. Kif osserva l-abli perit legali: *"tirrizulta stampa cara ta' nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-kontendenti, nuqqas ta' fiducja u pika kontinwa bejn il-kontendenti dwar min hu l-aktar kapaci jmexxi u min hu l-aktar intelligenti. Fuq naha nara lill-attrici li ghandha degree akkademika ta' spizjara u li donna tbati minn kumpless ta' superjorita' fuq zewgha li [minn naha l-ohra] ghalkemm mhux gradwat irnexxielu jmexxi spizerija bi qligh konsdierevoli."*[1]

"Maz-zmien is-sitwazzjoni bdiet tiddigenera, anke b' akkuzi reciproci dwar tehid indebitu ta' flus mill-ispizerija li l-introjtu taghha kien il-fonti principali tal-ghejxien tal-partijiet u ta' uliedhom. Din it-tensjoni kontinwa bejn il-partijiet, rizultat principalment tal-inkompatibilita' tal-karattru taghhom, wasslet liz-zewg partijet sabiex jinfexxu f' komportament abbuziv konsegwenzjali fil-konfront ta' xulxin, partikolament dak ta' 'ingurja gravi.'

"Ferm il-premess il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu, u taddottahom fl-intier taghhom; u ghalhekk tikkonkludi li z-zewg partijet huma wgwalment responsabbli ghall-firda ta' bejniethom.

**"Kura u Kustodja**

"Illum dan il-kap jinsab sorvolat peress li t-tfal kollha sar maggjorenni.

**"Manteniment**

"Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taddotta l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu, u, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha, tordna li l-attrici tkompli thallas lill-konvenut bhala manteniment

[1] Vol.3 – fol.784

ghalih is-somma ta' mitejn u tmenin ewro [€280] fix-xahar sakemm hija tibqa' thaddem l-ispizerija.

"Din ir-retta alimentarja tizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja kif indikat fl-indici ufficjali tal-gvern.

**"Kommunjoni ta' l-Akkwisti – Proprjeta' Parafernali**

"Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fis-sezzjoni ntestata *"[d] Komunjoni ta' l-Akkwisti u oggetti parafernali"* fil-pagni nru 36 sa 63[2] tar-relazzjoni tieghu, u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici C], u taddottahom fl-intier taghhom, salv ghal dak li ser jinghad aktar 'il quddiem.

"Illi fir-rigward tal-fond 35 Omega Court Barnabija Street, Bugibba, appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, il-Qorti tordna li dan il-fond jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena bil-prezz mhux inferjuri ghall-ammont ta' €69,881; u fin-nuqqas, wara li jghaddi l-perijodu ta' sena, jinbiegh bis-subbasta, skond il-ligi.

"Illi l-kontijiet li talvolta ghad hemm pendenti fuq dan il-fond, jigu sopportati bejn il-partijiet.

*"Dar Matrimonjali*

"Illi qabel iz-zwieg, il-konvenut fis-19 ta' Mejju 1983 xtara l-fond numru 38 'Pandora' Cali' Street Mosta li serva bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet. Il-bejgh sar versu l-prezz ta' LM16,000 [illum €37,270 ], li LM6,000 [illum €13,976] minnhom hargithom l-attrici qabel iz-zwieg.

"Illi mill-breakdown li ta l-konvenut fl-affidavit[3] tieghu, ta' kif thallas il-prezz jidher li l-prezz kollu thallas qabel is-16 ta' Novembru 1984, id-data taz-zwieg, hlief ghall-ammont ta' LM1,000 [illum €2,329 ] li thallas fit-23 ta' Novembru

---

[2] Vol.3 – fols.788 - 815
[3] Vol.2 – fol.150

1984. Ghalhekk l-attrici ghandha kreditu kontra l-konvenut fl-ammont ta' LM5,000, filwaqt li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha kreditu kontra l-konvenut fl-ammont ta' LM1,000. B' kollox l-attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta' LM5,500 [illum €12,812], u l-attrici hi ordnata li thallas lill-konvenut din is-somma ta' **tnax-il elf, tmien mija u hmistax-il ewro [€12,815]**.

"Illi l-pretensjoni attrici li hi ghandha nofs id-dar peress li kienet hallset ammont relevanti mill-prezz hija legalment insostenibbli, stante li mill-atti jidher car li l-fond inxtara mill-konvenut qabel iz-zwieg u ma kien hemm xejn x' jimpedixxi lill-attrici milli tersaq ghall-kuntratt ma' l-attur li kieku verament kien hemm l-intiza li l-post jinxtara bejn tnejn. L-attrici ma tat ebda raguni ghaliex ma resqitx ghall-kuntratt, hlief li kienet tkun xoghol fl-ispizerija. Hija tghid "Issa l-fatt li fuq il-kuntratt jidher ismu biss, dak ma kellhix kontroll fuqha jien."[4] Din l-ispjegazzjoni mhi xejn konvicenti, tenut kont tal-entita' tat-tranzazzjoni li kienet ser issir. Il-Qorti thoss li r-raguni vera tan-nuqqas tal-attrici li tidher fuq il-kuntratt kien il-fatt li parti sostanzjali tal-prezz kien ser jithallas mill-konvenut u ghalhekk dak iz-zmien l-oneru kien fuqu biss.

"Inoltre, il-fatt li l-attrici harget somma ta' flus mill-introjtu ta' l-ispizerija biex jithallas il-prezz shih ma jimmiltax kontra din il-konkluzjoni, tenut kont tal-fatt li, kif ammess mill-istess attrici, kien il-konvenut li ghena bil-hidma attiva tieghu sabiex tarma l-ispizerija li hija parafernali ta' l-attrici. Ghalhekk fil-fehema ta' din il-Qorti, il-pretensjoni attrici ta' mandat tacitu fix-xiri tal-post mhijiex sostnuta mill-provi.

"Illi in fine jigi ossevat li anke l-pretensjoni ta' l-attrici li, wara s-separazzjoni, hi tigi awtorizzata tirrisjedi fl-imsemmi fond mat-tfal [illum maggjorenni] tal-partijiet ad eskluzjoni ta' zewgha, mhix gustifikata, u dan stante li d-dar hija parafernali tal-konvenut u hija l-unika proprjeta' ta' relevanza li ghandu l-konvenut; filwaqt li minn naha taghha l-attrici ghandha bhala parfernali taghha l-

[4] Vol.1 – fols.65-66

inkwilinat u l-avvjament ta' l-ispizerija li ghandha ntrojtu tajjeb u li jippermettila ssib akkomodazzjoni alternattiva.

"Ghaldaqstant permezz tal-gudizzju odjern tordna li l-attrici tallontana ruhha minn dan il-fond fi zmien xaharejn, u li dan il-fond m' ghandux jibqa' jitqies aktar bhala l-fond matrimonjali.

"Inoltre, tordna li l-kontijiet ta' l-utilitajiet fl-imsemmi fond u li ghadhom pendenti, ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet, in kwantu ghal kwart [1/4] mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti tlett kwarti [3/4] ghandhom jithallsu mill-attrici, kunsidrat il-fatt li, meta l-konvenut tkecca mill-ispizerija, l-attrici kompliet tinkassa l-introjtu kollu hi.

*"Spizerija 'St.Louis Pharmacy' Triq Cali' Mosta*

"Illi jirrizulta pacifiku li l-attrici qed tokkupa l-fond minn fejn tigi gestita l-ispizerija b' kirja protetta li sehhet qabel iz-zwieg, u li kompliet tiggedded matul iz-zmien, anke waqt iz-zwieg. In-negozju ta' l-attrici beda qabel iz-zwieg u kompla jigi gestit wara z-zwieg, b' mod li l-introjtu kollu kien iservi sabiex il-partijiet ikopru l-ispejjez kollha li kellhom bzonn ghall-familja nkluzi edukazzjoni tat-tfal u safar. F' dan in-negozju l-konvenut kien ghamel zmien jahdem bhala mpjegat fl-ispizerija.

"Ghalhekk kemm il-kirja kif ukoll l-avvjament tan-negozju jappartjenu lill-attrici bhala proprjeta' parafernali taghha, filwaqt li l-qligh nett li jirrizulta, u cioe' wara li mill-introjtu ikunu tnaqqsu l-ispejjez necessarji relatati man-negozju nkluz il-kera, huwa tal-komujoni. Fil-fatt mill-provi jirrizulta car li l-qligh kien jintuza fl-interess tal-familja tal-partijiet.

"In fine jigi osservat li l-fatt li l-konvenut ghen lill-attrici sabiex tarma l-ispizerija u anke sellifha xi flus ghax-xiri ta' stock inizjali, ma jimmilitax kontra l-fatt li l-ispizerija, l-istock attwali u l-avvjament huma parafernali ta' l-attrici. Dan huwa sostnut mill-fatt li l-inkwilinat tal-fond huwa parafernali tieghu u l-ispizerija hija gestita mill-attrici fil-kwalita' taghha ta' spizjara. Fi kliem iehor, in-negozju huwa ta' l-attrici, filwaqt li l-konvenut ghandu krediti fil-

konfront ta’ l-attrici, u mhux fil-konfront tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, fl-ammonti ta’ **LM2,118 [illum €4,934]** u ta’ **LM4,414 [illum €10,282 ]** fil-konfront ta’ l-attrici.

“Illi rigward l-allegazzjoni attrici ta’ mizapproprijazzjoni da parti tal-konvenut, il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali, u tirribadixxi li din ma tirrizultax sufficjentement provata kif lanqas ma tirrizulta provata l-allegazzjoni tal-konvenut li, meta hu kien ghadu jahdem fl-ispizerija, l-attrici kienet tiehu l-introjtu kollu tal-ispizerija. Inoltre, jigi osservat li, wara li l-attrici kienet kecciet lill-konvenut mill-ispizerija, hija kienet izzomm l-introjtu kollu nonostante li l-komunjoni ta’ l-akkwisti kienet ghadha vigenti. Minn naha l-ohra pero’ jirrizulta li l-attrici kienet tiehu hsieb l-ispejjez kollha tal-familja, filwaqt li lill-konvenut kienet taghtih ir-retta alimentarja ordnata mill-Qorti. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehema li m’ ghandhiex tinoltra aktar fuq dawn l-allegazzjonijiet.

“Illi rigward l-allegazzjonijiet reciproci li l-partijet elevaw flus mill-banek minghajr il-kunsens ta’ xulxin, il-Qorti tordna li dak kollu li talvolta gie elevat wara l-prezentata tar-rapport tal-perit legali, u cioe’ wara it-2 ta’ Settembru 2008, jigi mghadud fil-komputazzjoni tal-konsistenza tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, ghal fini tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni taghha; inkluz, kull investiment gdid li sar wara din id-data, u ghalhekk inkluz l-investiment li ghamel il-konvenut mas-socjeta’ DBR Investments Limited. Dawn ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-komunjoni, u jigu divizi wgwalment bejn il-partijiet.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka u tbiddel is-sentenza msemmija billi tilqa’ l-aggravji taghha;

Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz taghha filwaqt li oppona ghat-talbiet tal-appellanta, intavola appell incidentali li permezz tieghu talab li tigi varjata s-sentenza msemmija fis-sens li huwa jithallas is-somma ta’ elfejn, hames mija, tnejn u sittin Euro u wiehed u tletin centezmi (€2,562.31) bhala rifuzjoni ta’ prezz ta’ vettura li kienet parafernali tieghu u li nbieghet matul iz-zwieg; li l-

manteniment li l-Qorti ordnat li jithallas mill-attrici lilu ma jkunx cirkoskritt sakemm tibqa tithaddem l-ispizerija u finalment il-htija ghat-tifrik taz-zwieg kellha tkun kollha a karigu tal-attrici; u li l-kumplament tas-sentenza tigi konfermata.

Rat ir-risposta ghall-appell incidentali pprezentata mill-attrici appellanti fit-3 ta' April 2012;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-appellanta qed titlob ukoll ir-revoka tas-sentenza inkwistjoni, fil-verita` hija qed titlob li tigi varjata f'partijiet sostanzjali minnha. Infatti l-lanjanzi taghha huma sitta u ser jigu diskussi wara xulxin.

**<u>L-ewwel Aggravju</u>**

L-ewwel aggravju u forsi l-aktar wiehed dibattibli jirrigwardja l-propreta` tad-dar matrimonjali. Din inxtrat ftit qabel iz-zwieg u fuq il-kuntratt deher l-appellat biss. L-attrici qed issostni li nonostante dan, din id-dar tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ghaliex inxtrat b'dak l-iskop.
L-argument principali taghha huwa l fatt li hija harget sitt elef Lira Maltija (Lm6,000) biex sar dak l-akkwist – il-prezz kien ta' sittax-il elf Lira Maltija (Lm16,000) izda erbat elef Lira Maltija (Lm4,000) minnhom kienu prezz tal-ghamara li kien hemm fil-post.

Il-Qorti tissimpatizza mal-appellanta f'dan ir-rigward izda ma thossx li ghandha tilqa' l-aggravju taghha ghal zewg ragunijiet principali.

L-ewwelnett ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex hija ma kinitx prezenti ghall-kuntratt. Hija persuna istruwita – gradwata bhala spizjara u allura kienet taf jew messha kienet taf bl-importanza li tidher fuq il-kuntratt. Biex f’kaz simili l-Qorti tiddeciedi l-fond ikun jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti jrid ikun hemm il-kunsens taz-zewg gharajjes fis sens li huma t-tnejn ikunu konsapevoli li l-fond ser jidhol fil-komunjoni tal-akkwisti. Wiehed ma jridx jinsa li f’sitwazzjonijiet simili l-Qorti tkun qed tapplika r-regoli ta’ l-hekk imsejjah *prestanome* u huwa f’dan is-sens li l-Qorti tal-Appell iddecidiet il-kawza msemmija mill-appellanti fir-rikors tal-appell, u cioe` **Agius v. Agius** (26 ta Gunju 2003) u l-Prim’ Awla l-kawza **Marthese Vella v. George Vella** (28 ta’ Frar 2003). Fi kliem iehor irid ikun hemm bejn il-partijiet l-intendiment li min jidher fuq il-kuntratt qed jakkwista ghal haddiehor u ma jidhirx li f’dan il-kaz kien hemm tali intendiment.

It-tieni u forsi l-aktar fattur importanti f’dan ir-rigward hija n-nota konguntiva li pprezentaw il-partijiet fil-kors tal-kawza. F’din in-nota (a fol. 111 tal-process) gie ddikjarat li: ***“Il-partijiet jaqblu li d dar inxtrat qabel iz zwieg mill-konvenut u li ghalhekk hija parafernali tieghu***.*”*

Dikjarazzjoni aktar cara minn hekk difficli wiehed jimmagina. Il-partijiet ma jistghux jaghmlu dikjarazzjonijiet bhal dawn imbaghad jitolbu li l-Qorti ma taghtix kashom. Ghalhekk dan l-aggravju ser jigi respint.

**<u>It-Tieni u Tielet Aggravju</u>**

It-tieni u tielet aggravju fil-verita` jiddependu sa certu punt fuq l-ewwel wiehed fis-sens li l-attrici appellanta tilmenta mill-fatt li se jkollha titlaq mid-dar matrimonjali jekk is-sentenza fir-rigward tigi konfermata u li hija giet ordnata thallas il-manteniment lil zewgha sakemm tibqa’ tiggestixxi l-ispizerija. Hawn il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax fuq il-mod ingarbuljat kif gew esposti l-lanjanzi tal-attrici u dan huwa ezempju car fejn l-aggravji gew imhallta flimkien.

Dwar il-fatt li l-appellanta jkollha tallontana ruhha mid-dar huwa inevitabbli ladarba gie deciz li d-dar matrimonjali hija

tal-appellat ma hemmx lok li l-Qorti tordna li l-attrici tibqa' tghix fid-dar stess f'dan il-kaz. It-tfal tal-kontendenti huma issa kbar u certament ma hemmx dak il-bzonn li xi hadd mill-partijiet jigi assenjat id-dritt li jghix fid-dar ad eskluzjoni tal-iehor. Naturalment billi d-dar hija parafernali tal-appellat, dan jista' jaghmel li jrid biha.

Il-Qorti pero` taqbel mal-appellanti li ma hemm ebda raguni ghaliex hija ghandha thallas manteniment lill-appellat. Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta **hemm il-bzonn** (l-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment ikun dovut skont **il-bzonn** ta' min qed jitolbu). Il-konvenut appellat mhux biss ghandu pensjoni ta' sitt mija u erbgha u erbghin Euro (€644) fix-xahar izda ghandu wkoll mezzi ohra a dispozizzjoni tieghu li ma hemmx lok li wiehed joqghod jerga' jsemmihom ghaliex jirrizultaw mill-istess process tal-kawza u mis-sentenza appellata stess. Ghalhekk il-Qorti se tvarja s-sentenza billi thassar biss il-parti fejn gie ordnat il-hlas tal-manteniment.

**<u>Ir-Raba' u l-Hames Aggravju</u>**

Dawn l-aggravji huma simili fis-sens li r-raba' aggravju huwa dwar is-somma ta' Lm3,184 li l-konvenut sellef lill-attrici biex giet arredata l-ispizerija u li skont l-appellanti hija irrifondithom (il-Qorti emmnet lill-konvenut appellat) u l-hames aggravju jikkoncerna s-somma ta' Lm9,400 li skont l-appellanti jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u l-appellat qal li kienet tathomlu ommu. L-ewwel Qorti anke hawn accettat il-verzjoni tal-konvenut. F'dan l-aspett, trattandosi ta' kwistjoni ta' kredibilita` tal-provi mressqa l-Qorti se timxi skont il-principju assodat fil-gurisprudenza nostrana li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief f'kazi u cirkostanzi eccezzjonali li certament ma jirrizultawx f'din il-kawza.

**<u>Is-Sitt Aggravju</u>**

L-appellanta lmentat ukoll li ma kellhiex tigi addossata bi htija ghat-tifrik taz-zwieg u allura bi spejjez tal-kawza ghaliex il-htija kienet kollha tal-appellat.

Anke f'dan ir-rigward il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti, anzi zzid tghid li taqbel li z-zewg partijiet kienu jahtu t-tnejn ghat-tifrik taz-zwieg u spiccaw jghixu f'*"sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune."* **(Caterina Agius v. Benedict Agius –** Prim' Awla 13 ta' Gunju 1967).

**<u>Appell Incidentali</u>**

Kwantu ghall-appell incidentali, peress li t-tielet aggravju hu l-istess bhas sitt aggravju tal-appellanti (l-appellat qed jitlob il-Qorti tiddikjara lill-appellant bhala l-unika hatja ghat-tifrik taz-zwieg), ma hemmx allura lok ta' aktar kummenti minn din il-Qorti billi kif issemma, il-Qorti jidhrilha illi mill-provi mressqa z-zewg partijiet ghandhom jitqiesu b'mod ugwali responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg.

L-istess jista' jinghad ghat-tieni aggravju fis-sens li din il-kwistjoni giet diskussa meta l-Qorti waslet ghal konkluzjoni li ma ghandux ikun hemm hlas ta' manteniment ghal appellant. F'dan l-aggravju huwa qed jitlob li l-hlas tal-manteniment ma ghandux ikun dipendenti fuq il-fatt li l-ispizerija tkun ghadha topera – ghalhekk ladarba din il-parti tas-sentenza qed tithassar ma hemmx lok ta' aktar deliberazzjoni fuq dan il-punt.

Il-Qorti ghalhekk issa se tikkummenta dwar l-aggravju l-iehor.

**<u>L-Ewwel Aggravju tal-Appellat</u>**

L-ewwel aggravju jirrirgwardja somma ta' elfejn, hames mija u tnejn u sittin Euro u wiehed u tletin centezmi (€2,562.31) li skont il-konvenut huwa hareg minn introjtu tal-bejgh ta' vettura proprjeta` parafernali tieghu ghax-xiri ta' vettura ohra matul iz-zwieg.

Kif il-Qorti rrimarkat dwar il-hames aggravju tal-appellanti, din hija kwistjoni ta' kredibilta` u ghalhekk la darba l-ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex tilqa' l-allegazzjoni tal-konvenut, ma hemmx lok li l-Qorti tal-Appell tiddisturba dik il-konkluzjoni tenut kont il-fatt li ma jirrizultawx ragunijiet validi sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell tal-appellanta billi tilqghu biss billi thassar il-parti tas-sentenza appellata fejn hija giet ordnata thallas manteniment lill-konvenut appellat u tichad il-kumplament u allura tikkonferma wkoll il-bqija tas-sentenza msemmija; tichad ukoll l-appell incidentali intier; l-ispejjez tal-appell principali jithallsu kwantu ghal sest ($^{1}/_{6}$) mill-appellat u hames sesti ($^{5}/_{6}$) mill-appellanta; dawk tal-appell incidentali a karigu tal-konvenut appellat; l-ispejjez tal-Prim Istanza kif gia` gew decizi mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------